# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2018**

**Talba Nru: 531/17 CZ**

1. **Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553)**
2. **Atlas Insurance PCC Limited (C-5601)**
3. **GasanMamo Insurance Limited (C-3143) u**
4. **Elmo Insurance Limited (C-3500) ilkomm bhala ko-assikuraturi ta' Hudson Holdings Limited (C-37866)**

**vs.**

**Sliema Wanderers Football Club**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjetajiet atturi mressqa fit-23 ta' Novembru 2017 li permezz taghha ppremettew li qed jitolbu l-hlas ta' bilanc ta' danni sofferti mill-kumpanija Hudson Holdings Limited in segwitu ghall-incident ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-kumpless sportiv gewwa Tigne' propjeta' tal-klabb intimat Sliema Wanderers Football club ghal gol-propjeta' ta' l-istess kumpanija Hudson Holdings Limited, u cio l-hanut New Look LRU Level -1, Tigne' Mall, Tigne, li sehh fl-1 ta' Dicembru 2011, ghal liema incident u konsegwenzjali danni huwa unikament responsabbli l-klabb intimat, u li ghalihom il-kumpaniji assikuraturi mittenti Mapfre Middlesea plc, Atlas Insurance PCC Limited, GasanMamo Insurance Limited u Elmo Insurance Limited ilkoll ko-assikuraturi tra' Hudson Holdings Limited ghamlu tajjeb fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u dsatax-il Euro (€2,619.00) biex b'hekk gew surrogati fid-drittijiet ta' l-istess kumpanija Hudson Holdings Limited ghall-istess ammont permezz tas-subrogation form annessa bhala Dok. A;

Il-kumpaniji mittenti hallsu wkoll is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Euro u sitta w hamsin centezmu (€122.56) bhala spejjez professjonali tal-loss adjusters (Dok. B) u b'hekk il-klabb intimat ghandu jhallas l-ammont fuq imsemmi ta' elfejn, seba' mija u wiehed u erbghin Euro u sitta w hamsin centezmu (€2,741.56) lill-mittenti;

Il-klabb intimat pero' ghadu sallum ma hallasx l-ammont mitlub, nonostante li rapprezentant ta' l-istess klabb Alex Muscat kien wieghed li l-klabb ser ihallas l-istess ammont.

Il-klabb intimat ghandu jhallas ukoll l-ispejjez tal-prezenti, kif ukoll dawk ta' l-ittri ufficcjali tad-29 ta' Novembru 2013 (ittra numru 3683/2013) u tas-26 ta' Novembru 2015 (231/2015) u l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra qieghda ssir minghajr pregudizzju ghal ammonti ohra li jistghu ikunu dovuti bhala danni lill-kumpanija Hudson Holdings Limited in segwitu ghall-istess incident, kif jirrizulta wkoll mid-Dok. C.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l-klabb konvenut debitament notifikat ma wegibx.

Ra x-xiehda ta' Clive Cachia moghtija fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2018.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjetajiet atturi qed jitolbu l-hlas ta' bilanc ta' danni sofferti mill-kumpanija Hudson Holdings Limited in segwitu ghall-incident ta' perkolazzjoni ta' ilma mill-kumpless sportiv gewwa Tigne' propjeta' tal-klabb intimat Sliema Wanderers Football club ghal gol-propjeta' ta' l-istess kumpanija Hudson Holdings Limited, u cio l-hanut New Look LRU Level -1, Tigne' Mall, Tigne, li sehh fl-1 ta' Dicembru 2011, u li ghalihom il-kumpaniji assikuraturi mittenti Mapfre Middlesea plc, Atlas Insurance PCC Limited, GasanMamo Insurance Limited u Elmo Insurance Limited ilkoll ko-assikuraturi tra' Hudson Holdings Limited ghamlu tajjeb fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u dsatax-il Euro (€2,619.00) biex b'hekk gew surrogati fid-drittijiet ta' l-istess kumpanija Hudson

Holdings Limited ghall-istess ammont permezz tas-subrogation form annessa bhala Dok. A;

Illi ll-kumpaniji mittenti hallsu wkoll is-somma ta' mija u tnejn u ghoxrin Euro u sitta w hamsin centezmu (€122.56) bhala spejjez professjonali tal-loss adjusters (Dok. B);

Illi x-xhud Clive Cachia ghas-socjeta' attrici Mapfre Middlesea p.l.c. qal illi l-assigurat taghhom Hudson Holdings Company Ltd. kellu polza fejn kellu assigurat il-bini u l-kontentut. L-assiguraturi kienu in kwantu ghal 41% Mapfre Middlesea, 39% GasanMamo, 10% Atlas Insurance Pcc u 10 % ohra Elmo Insurance Ltd. Ix-xhud qal li waqt li kienu qeghdin isiru xi xoghlijiet min-naha tal-klabb konvenut b'rizultat ta' liema saret hsara f'pipe ta l-ilma, u nizel ammont ta' ilma f'bitha li kienet tigi fuq is-saqaf tal-propjeta' tas-socjeta' attrici Hudson Holdings Limited, li ma kellhiex drainage, b'mod li l-ilma dahal gol-propjeta' ta' din is-socjeta'. Tqabbad loss adjustor sabiex jistabillixu l-ammont tal-hsara. Dan ix-xhud esebixxa diversi dokumenti, fosthom endorsement li juri x'sehem kellhom kull wahda mis-socjetajiet atturi fl-assikurazzjoni, rapport tal-loss adjustors, talbiet ghal hlas ghax-xoghlijiet maghmula u ghal materjal, survey report, u zewg ittri ufficcjali. Dan ix-xhud qal ukoll illi Alex Muscat, li kellu xi kariga fil-kumitat tal-klabb konvenut kien verbalment ammetta li l-hlas huwa dovut.

Illi rrizulta lit-Tribunal li l-hsarat sofferti mis-socjeta' attrici Hudson Holdings Ltd. graw tort ta' l-operat tal-klabb konvenut. Irrizulta wkoll illi l-hlasijiet relattivi ghat-tiswijiet u s-sostituzzjoni tal-materjal saru wkoll, u s-socjetajiet atturi rnexxielhom igibu l-prova kemm tan-ness bejn il-hsarat sofferti u l-klabb konvenut, kif ukoll tal-quantum tad-danni. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal ser jilqa' t-talbiet tas-socjetajiet atturi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjetajiet atturi, u jikkundanna lill-klabb konvenut ihallas lis-socjetajiet atturi s-somma ta' elfejn, seba' mija u wiehed u erbghin Euro u sitta u hamsin centezmu (€2,741.56), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv. L-ispejjez tal-kawza u ta' l-ittri ufficcjali 3683/2013 u 231/2015jithallsu kollha mill-klabb konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur